MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 974/2005

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) in rapprezentanza tas-socjeta' estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.A – SIAT, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Agius Tourist Ltd u ghal kull interess li jista' jkollu Agius Tourist Ltd**

**vs**

**Ruth Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija u seba' u tletin centezmu (Lm420.37) danni kollha sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Lulju, 2004, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta Renault Clio bin-**

**numru ta' registratazzjoni RUT-122 u propjeta ta' Dennis Abela u dik Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni BBK-649 propjeta ta' Agius Tourist Limited u misjuqa min Jeanloui Ratano.**

**Dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenuta minhabba li naqset li z-zomm proper look-out waqt is-sewqan taghha.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali prezentati kontestwalment mal-Avizz lil kumpanija assiguratrici tal-konvenuta, u bl-ingunzzjoni ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-11 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud, bl-ispejjez, ghax l-incidnet stradali de quo ma kienetx tahti l-eccipjenti.**
**Hu mitlub li ghal ahjar istruzzjoni tal-kaz it-Tribunal ghandu fl-ewwel lok jordna access fuq il-post tal-incident.**

**Semgha x-xhieda ta' W294 Simon Debono, John Callus u Ruth Abela.**

**It-Tribunal, zamm access fit-28 ta' Novembru, 2005, fil-post Triq il-Bajjada, Zabbar. Ha konjuzzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed isir ghad-danni subiti fil-kollizzjoni li sehhet bejn il-vettura Renault Clio bin-numru ta' registratazzjoni RUT-122, u il-vettura Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni BBK-649 propjeta` ta' Agius Tourist Limited u misjuqa minn Jeanloui Ratano. L-incident sehh fl-10 ta' Lulju, 2004 fi Triq Hal-Bajjada, Zabbar. Jigi relevat illi l-incidnet sehh matul il-lejl.**
**2. Is-sewwieq tas-socjeta` attrici huwa barrani u msiefer u ghalhekk it-Tribunal qed jaghmel referenza ghar-road accident report Dok SD1, fejn dan kien**

**stqarr li kien gej minn Triq l-Inkurunazzjoni u f'salib-it-toroq gie milqut mill-konvenuta.**

**3. Il-konvenuta qalet illi kienet qed issuq fi Triq Hal-Bajjada biex tohrog minn Haz Zabbar u meta waslet f'salib-it-toroq ma' Triq l-Inkurunazzjoni, il-vettura tal-attur baqghet hierga u sehhet il-kollizzjoni. Hi tghid ukoll illi kellha hsara fin-number plate ta' quddiem, filwaqt li l-attur kellu hsarat fuq il-genb ta' quddiem tax-xellug fl-inhawi tar-rota.**

**4. It-Tribunal zamm access u minnu irrizulta illi minn ikun hiereg minn Triq l-Inkurunazzjoni ma ghandux stop sign. It-Tribunal ikkonstata li l-partijiet ma qablux dwar illi Triq Hal Bajjada hija *main road*. Gie konstatat illi llum fil-post fejn sehh l-incident hemm mirja fuq kull naha tat-triq, pero' jirrizulta li fi zmien l-incident kien hemm mera biss fi Triq Hal Bajjada.**

**5. Mill-kostatazzjoni tal-fatti fuq il-post it-Tribunal kien sodisfatt illi Triq Hal Bajjada hija triq principali, u Triq l-Inkurunazzjoni tferra fiha. Innota wkoll, kif del resto irrileva l-abbli difensur tal-konvenuta, illi Triq Hal Bajjada hija arterja principali li tferra ghal barra minn Haz Zabbar.**

**6. Ghalhekk tenut kont illi Triq Hal Bajjada kienet it-triq principali, l-vettura tal-attur kellha l-obbligu illi fl-inkrocju ma tibqax ghaddejja kif fil-fatt ghamlet. Konsegwentement il-konvenuta ma ghandix tigi ritenuta responsabbli ghal incident li sehh.**

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad t-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------